**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can), Ph.D.**

**Appell Nru: 29/2020**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Deelian Mifsud**

Illum, 11 ta' Marzu 2021

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Deelian Mifsud, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 18600(L), akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Fl-24 ta' Awwissu 2018, f' xi hin bejn is-sebgha u kwart ta` filghodu (07:15Hrs) u ttmienja u nofs ta` filghodu (08:30Hrs), minn gewwa l-fond Nru.155, Oriana, Triq il-Hafur, Attard:-

1. Ikkometta serq ta' gojjellerija u/jew oggetti ohra liema serq huwa aggravat bil-persuna', 'lok' u 'valur' liema ammont ma jeccedix l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u dan ghad-detriment ta' Carmela Borg u/jew persuni ohra persuna anzjana ta' 78 sena.

2. U aktar talli fl-istess data hin lok u cirkostanzi, xjentement ggieghelt jew ippermettejt li persuna anzjana u cioe` Carmela Borg anzjana ta' 78 sena dipendenti titqieghed f'sitwazzjoni li l-persuna jew is-sahha taghha kienet fil-periklu.

Akkuzat ukoll talli fis-26 ta' Frar 2019, f'xi hin bejn is-siegha ta' wara nofsinhar (13:00Hrs) u s-saghtejn ta' wara nofsinhar (14:00Hrs), minn gewwa Dar Papa Frangisku, Triq Fleur-De-Lys, Birkirkara:-

3. Ikkometta serq ta' telefon cellulari liema serq huwa aggravat bil- lok' u bil- 'valur' liema ammont ma jaccedix l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37) u dan ghad-detriment ta' Wayne Chapman.

4. U aktar talli xi xahar ta' Awwissu 2018 u xi xahar ta` Frar 2019, kiser il-provvedimenti tal-Kap 446 Artikolu 7 tal-ligijiet ta' Malta imposti fuqu b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr D. Clarke LLD datata 25 ta' Ottubru 2017 liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tinbidel.

Il-Qorti kienet ukoll mitluba sabiex titratta mal-imputat bhala recidiv u dan wara li nghata diversi sentenzi mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jigu mibdula u dan ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-13 ta' Frar, 2020 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17, 20, 31, 261(c), (d) u (e), 267, 268, 269, 279, 280(1), 281, 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 23 (1) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti sabet lill-imputat hati tal-ewwel (1), tat-tielet (3) u tar-raba' (4)

imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u ikkundannatu tmintax (18)-il xahar prigunerija. L-imputat jigi dikjarat mhux hati tat-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u konsegwentement illiberat mill-istess imputazzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellanti Deelian Mifsud minnu pprezentat fil-21 ta' Frar, 2020, fejn talab lil din il-Qorti hija umilment mitluba li tirrifoma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonferma s-sejbien tal-ħtija, tvarjaha in kwantu għall-piena karċerarja erogata mill-Ewwel Qorti ta' tmintax (18)-il xahar u minflokha tgħaddi sabiex tqis iċ-ċirkustanzi kollha tal-każ odjern, u tagħti piena aktar ekwa u ġusta permezz ta' mitigazzjoni tal-istess piena jew billi timponi piena alternattiva, dejjem taħt dawk il-provvedimenti ulterjuri li dina l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa li timponi.

Rat is-sentenza moghtija minn din l-istess Qorti fl-ismijiet premessi nhar l-20 ta' Ottubru 2020 fejn kienet laqghet l-appell tal-appellant billi konfermat is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti fir-rigward ta' htija pero varjat l-istess fir-rigward ta' piena. Minflok tmintax-il xahar prigunerija effettivi poggiet lill-appellant taht ordni ta probation anness mal-istess sentenza ai termini tal-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta u ordnat lill-ufficcjal tal-probation sabiex tidher quddiem din il-Qorti flimkien mal-appellant kull tlett xhur biex b'hekk il-Qorti izzomm kuntatt mal-probationer. Illi skond l-Ordni tal-Probation annessa mas-sentenza, il-Qorti ordnat fil-klawsola numru *2 ' li l-persuna imputat tibqa' izomm kuntatt kontinwu mal-istess probation officer skond id-direttivi li din taghtih minn zmien ghal zmien u partikolarment huwa ghandu jekk il-probation ikun irid jircievi zjarat fid-dar tieghu."* In oltre fil-klawzola numru 5 ordnat lill-persuna imputat taghti kampjun tal-awrina u li meta tigi mistoqsija u f'kaz li jirrizulta pozittiv anke f'okkazzjoni wahda dan ghandu jitqies li kiser l-Ordni tal-Probation.

Rat ir-rapport tal-Ufficjal tal-Probation prezentata fir-registru ta' din il-Qorti nhar l-10 ta' Mejju 2021 fejn infurmat lil din l-Onorabbli Qorti li wara li nghata s-

sentenza l-andament ta' Deelian Mifsud baqa wiehed pjuttost stabbli. L-imsemmi ghazel li jibqa jghix gewwa Ghawdex wara li gie itterminat il-placement tieghu gewwa ir-residenza Dar Emmawx. Huwa xtaq illi jibqa 'l boghod min nies li kien jaghmilha maghhom Malta u li jkollu mill-inqas kuntatt mal-familja tieghu, specjalment l-omm.

Minhabba d-distanza, hinijiet ta' xoghol kif ukoll restrizzjonijiet tal-COVID 19 ma kienx possibbli li Deelian jattendi b'mod frekwenti appuntament gewwa d-Dipartiment tal-Probation u l-Parole u ghaldaqstant inzamm kuntatt regolari mal-imsemmi permezz tat-telefon. Deelian Mifsud matul l-ahhar xhur wera' sens ta' maturita fid-decizjonijiet tieghu u kkonsulta mal-Ufficcjal tal-Probation sikwiet rigward diffikoltajiet li kellu. Huwa attenda appuntament gewwa d-Dipartiment tal-Probation u Parole fit-12 ta' Novembru 2020 u fis-17 ta' Dicembru 2020. F'dawn l-appuntamenti saru wkoll testijiet tal-urina li rrizultaw fin-negattiv ghal sustanzi illeciti. Huwa falla appuntament ili kellu fis-26 ta' Jannar 2021 filwaqt li saret laqgha ohra fit-2 ta' Frar 2021. Dakinhar ma kienx possibli li jsir test tal-awrina.

Il-Probation Officer Rona Agius Custo spjegat li sussegwentment Deelian informa lill-Ufficcjal tal-Probation illi kien biddel ix-xoghol minhabba li xtaq illi jkollu mpjieg regolarizzat u stabbli u dan gie ukoll konfermat mal-Agenzija tax-Xoghol u Tahrig Jobsplus. Minhabba f'hekk tghid li kien difficli illi jsiru laqghat ulterjuri ghaliex ma kienx possibbli li l-imsemmi jiehu leave fil-bidu tal-impjieg tieghu. Ghaldaqstant inzamm il-kuntatt bit-telefon filwaqt li huwa ssottometta ruhu ghat-testijiet tal-urina gewwa d-Dipartiment tal-Probation u l-Parole, Ghawdex fit-2 ta' Marzu u fil-15 ta' April 2021. Dawn it-testijiet irrizultaw fin-negattiv ghas-sustanzi illeciti.

Stqarret li kien hemm perijodu fil-bidu ta' April 2021 fejn Deelian kien ghaddej minn zmien kemmxejn difficli. Huwa stqarr maghha illi gieli jsibha difficli sabiex izomm standard ta' hajja illi rnexxielu jikseb. Stqarr li jhoss hafna pressjoni u t-

toqol tar-responsabbilita fuqu sabiex ma jizgaraxx u jkompli miexi fit-triq it-tajba. Kien fattur pozittiv hafna li Deelian ghazel li jiddiskuti dawn id-diffikoltajiet mal-Ufficcjal tal-Probation minflok jghazel li jinghalaq fih innifsu fejn fil-passat dan kien iwassal sabiex Dellian anke jwegga lilu innifsu. Issemmiet ukoll li meta intemmet ir-relazzjoni li huwa kellu u li kienet toffrilu sens ta' kuntentizza u stabbilita, huwa stess fittex -ghajnuna tal-Ufficcjal tal-Probation sabiex jkun jista' jerga jiehu l-kura necessarja fir-rigward tal-anzjeta' u hsibijiet hziena li gieli ibati bihom.
Ikkonkludiet li sa kemm kien possibbli Deelian kellu jattendi appuntamenti maghha b'mod regolari filwaqt li jsiru testijiet tal-urina b'mod frekwenti sabiex ikompli jigi assigurat li l-imsemmi m'huwiex qed jaghmel uzu mid-droga. Kompliet taghtih l-ghajnuna u support sabiex ikompli ifittex dak li joffrilu s-sens ta' stabbilita fil-hajja tieghu u jkun kapaci jaffronta diffikoltajiet li jiltaqa' maghhom. F'dan istess rapport l-ufficcjal tal-probation ghogobha titlob ghall-appuntament quddiem din l-Onorabbli Qorti u b'digriet taghha tal-11 ta' Mejju 2021 l-Qorti appuntat dan ir-rapport ghas-smiegh pero l-probationer ma kienx deher ghaliex ma kienx gie notifikat.

Illi nhar il-5 ta' Awwissu 2021 l-ufficcjal tal-probationer pprezentat rapport iehor fejn spjegat li wara s-seduta precedenti, l-imsemmi Mifsud baqa' jzomm kuntatt regolari maghha principarjament permezz tat-telefon minhabba li sforz id-distanza, hinijiet ta' xoghol kif ukoll restrizzjonijiet tal-COVID 19 ma kienx possibbli li Deelian jattendi appuntamenti gewwa d-Dipartiment tal-Probation u Parole.

Spjegat li nhar il-Gimgha 9 ta' Lulju 2021 l-Ufficcjal tal-Probation ghamlet kuntatt mal-imsemmi u dan informa li kien telaq ix-xoghol gewwa l-fabbrika minhabba nuqqas ta' sieghat ta' xoghol u li kien prezentement qieghed jahdem mal-kumpanija Amigos generalment fl-ghaxijiet. Matul l-istess konversazzjoni Deelian

semma li s-Sibt ta' qabel huwa kien involut f'argument ma xi persuni u li kien gie nfurmat li l-pulizija riedu jkelmuh rigward dan l-incident. Meta beda jitkellem fuq dan, Deelian beda jsemmi li kien ghaddej minn mument difficli fil-hajja tieghu u li kien qieghed isibha difficli li jibqa' pozittiv minhabba diversi fatturi li kienu qeghdin jaffettawh personalment. Minhabba li tul din il-konversazzjoni huwa beda jinstema emozzjonat hafna, hija qaltlu sabiex imur l-ufficcju sabiex ikunu jistghu jitkelmu ahjar. Ftit tal-hin wara l-imsemmi Mifsud rrikorra gewwa d-dipartiment tal-Probation u Parole u kien evidenti li huwa ma kienx f'kundizzjoni emozzjoni tajba. Deelian beda jsemmi li kien imxebba bil-hajja tieghu u li beda jahseb sabiex iwegga lilu nnifsu u li anke itemm hajtu.
L-ufficcjal tal-Probation iddiskutiet ma Deelian l-importanza li tibghat assistenza professjonali fir-rigward ta' dawn il-hsibijiet li huwa kien qed ikollu u wara anke konsultazzjoni fuq it-telefon ma psikjatra gie deciz li dan jigi akkompanjat gewwa Crises Intervention Service fi hdan Mater Dei. Hija baqghet mal-imsemmi sabiex dan jigi nvistat minn tabiba u sussegwentement minn psikjatra. L-attitudini ta' Deelian gewwa l-isptar kienet wahda difficli minhabba li dan beda jinsisti li ma xtaqx illi jinzamm msakkar gewwa sptar psikjattriku. Id-dewmien sakemm huwa gie nvistat beda jikkontribwixxi sabiex l-imgieba tieghu saret wahda negattiva. Beda jinsisti li hassu tradut minnha li nsistiet mieghu li jirrikorri l-isptar ghall-ghajnuna. In segwitu dan gie eskortat lejn l-isptar Monte Carmeli.

Minn kuntatt li sar ma tabiba mit-tim tal-konsulent psikjattriku Dr. Taylor East irrizulta li Deelian kien stabbli gewwa l-isptar u l-attitudni tieghu kienet wahda trankwilla. Hija spjegat li huwa ma baqax jghamel referenza ghax-xewqa li jtemm hajtu u li spjega li tkellem b'certa mod minhabba li kellu anzjeta fir-rigward tal-involviment gdid tieghu mal-pulizija wara l-argument li kellu. It-tabiba spjegat ukoll li kien hemm pjanat illi Deelian jibda jiehu trattament gdid li jista jghin sabiex ikollu iktar bilanc u stabbilta mentali u emozzjonali. Madankollu gie pjanat illi l-ewwel isirlu xi testijiet tad-demm meta huwa jkun lura fil-komunita. Gie ukoll

pjanat illi huwa jkollu follow-up kemm jista' jkun malajr gewwa l-Psychiatric Outpatient Unit fi hdan l-isptar Ghawdex. Wara li tfassal dan il-pjan ghalih Deelian gie rilaxxjat mil-isptar Monte Carmeli fit-13 ta' Lulju 2021 fejn huwa rritorna lura fir-residenza tieghu gewwa Ghawdex.

Hija ghalqet kuntatt mal-imsemmi nhar il-Gimgha 16 ta' Luju 2021 fejn huwa spjega li kien jinsab tajjeb u infatti l-attitudni tieghu kienet wahda iktar pozittiva. Giet diskussa l-importanza li jkun jkun iktar sincier rigward diffikoltajiet li jkun ghaddej minnhom u ma jhallix is-sens ta' kburija zzommu lura milli jirrikorri ghall-ghajnuna. Minn nhar it-Tnejn 18 ta' Lulju 2021 hija bdiet perijodu ta' kwarantina u ghalhekk ma kienx possibbli ghaliha li taghmel kuntatt.

Nhar il-Hamis 22 ta' Lulju 2021, hija saret taf permezz tal-mezzi tal-media illi Mifsud kien tressaq b'arrest il-Qorti akkuzat bl-involviment tieghu 'attakk vjolenti fuq persuna ta' karnaggjon skura gewwa Ghawdex fil-jiem ta' qabel. Huwa gie michud il-helsien mill-arrest u baqa' jinzamm fi hdan l-Agenzija ghas-Servizzi Korrettivi. L-ghada l-Gimgha 23 ta' Lulju, 2021 hija ghamlet kuntatt mal-habs sabiex tinghata feedback rigward l-istat emozzjonali u mentali tal-imsemmi fil-gimghat ta' qabel u d-diskors tieghu rigward hsara lilu innifsu. L-ufficjal tal-Probation giet infurmata illi Deelian kien ser jigi trasferit fit-taqsima tal-Corrs, l-Imtahleb u hemmhekk ikun segwit mill-Care Plan Coordinator.

L-Ufficccjal tal-Probation xehdet il-Qorti u spjegat li kienet tat zewg appuntamenti lil Deelian u dan nhar id-9 ta' Settembru 2021 u d-29 ta' Settembru 2021 u f'dawn iz-zewg dati ta kampjun tal-awrina tieghu li tat rizultat negattiv ghall-presenza ta' droga.

Pero mir-records tal-Jobsplus ma kienx qed jahdem b'mod regolari.

Illi nhar it-8 ta' Marzu 2021 dehret il-probation officer u l-Probationer u rrizulta li kien hemm dizgwid mill-gdid bejniethom fejn l-ufficcjal stqarret li l-hati ma kienx

qed joqghod ghad-direttivi taghha u ma kienx qed izomm kuntatt maghha. Qalet li kien spicca bla residenza u li kien qed jghix ghand ommu u fil-fehma taghha dan ma kienx jawgura tajjeb. Qalet li kien qieghed bla impieg u li s-servizz taghha ma kienx qed ikun ta' beneficcju ghal Deelian u ma kienx qd jigi registrat progress.

Semghet lil Deelian jixhed nhar id-9 ta' Marzu 2021 u dan ikkonferma li ma kienx qed izomm kuntatt mal-ufficcjal tal-probationer u ma kienx qed joqghod ghad-direttivi taghha. Stqarr li ma kellux fejn jghix u li kien qieghed jghix ma ommu pero ma kienx kuntent ghaliex ommu tibda minn filghodu tiehu d-droga u ssajjar il-coke. Qal li fil-prezent jinsab bla xoghol u mhawwad u jixtieq li jmur l-isptar Monte Carmeli.

Din il-Qorti meta semghet fejn kein qed jirrisjedi Deelian, waqfet ix-xhieda tieghu u ordnat lill-ufficjal tal-Probationer tara jekk id-Dar mid-Dlam ghad-Dawl gewwa Bormla kienux lesti li jaccettaw lil Deelian bhala residenti taghhom.

L-Ufficjal tal-Probation xehdet nahr l-10 ta' Marzu 2021 u kkonfermat li kienet ghamlet kuntatt ma George Busuttil ta' din id-dar u dan kien lest li jaccetta lil Deelian purche jghamel xi pagament ta' €50 u li jbiddel l-karta ta identita tieghu fuq l-indirizz gewwa Matty Grima Street Bormla.

Il-hati Deelian Mifsud qal lil Qorti li kirn gja biddel il-karta ta' identita' pero ma kienx lest li jhallas is-somma ta' €50 u dan ghaliex hass li kellu jaghti din is-somma flus lil omm bintu. Mistoqsi sabiex juri l-karta ta' identita lil Qorti jghid li kien nesiha d-dar. Dak il-hin il-Qorti ordnatlu imur igibha u ssospendiet is-seduta. Aktar tard rega deher Deelian Mifsud u qal li ma kienx minnu li kien biddel il-karta ta' identita' tieghu u talab li jintbaghat l-isptar Monte Carmeli.

Din il-Qorti ghalhekk rat li l-ordni tal-Probation li kellu josserva Deelian Mifsud ma kienitx qed tigi segwita u li Deelian Mifsud ma ridx isegwiha lanqas tant li anke lil Qorti gideb. F'dawn ic-cirkostanzi ghalhekk din il-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li tissospendi l-Ordni tal-Probation u tghaddi biex tiggudika mill-gdid lill-appellant ghall-akkuza gja misjuba hati taghhom. Fid-dawl tas-suespost jidher li Deelian Mifsud ma hux kandidat idoneju biex jinghata l-ordni ta' probation u ghalhekk wara li rat l-artikolu 17, 20, 31, 49, 50, 261 (c) (d) u €, 267, 268, 269, 279, 280 (1), 281 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li ssib lil Deelian Mifsud hati tal-ewwel, tat-tielet u tar-raba' mputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah tmintax-il xahar prigunerija effettivi. L-akkuzat Mifsud qed jigi dikjarat mhux hati tat-tieni imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u konsegwentement qed tilliberah minnha.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera
Imhallef

Vera kopja

Nadia Ciappara
Deputat Registratur